**23 ta' Jannar, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Andrew Bonnici

## Arrest Illegali - Korruzzjoni ta' Minorenni - Reati dwar Oġġetti Pornografiċi - Offiża għall-Pudur jew għall-Morali

*Bl-espressjoni "offiża fuq il-persuna" (*bodily harm, *fit-test Ingliż) fil-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 87 tal-Kodiċi Kriminali, il-liġi qed tikkontempla offiża fis-sens ta' l-artikolu 214 tl-Kodiċi Kriminali, jiġifieri ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa jew diżordni mentali. Is-sempliċi tokkament jew kuntatt fiżiku anke jekk dawn jipperturbaw il-psike ta' dak li jkun ma jammontawx per se għal offiża jew offiżi fuq il-persuna.*

*Biex l-akkwist jew żamma kkontemplat fl-artikolu 208 tal-Kodiċi Kriminali jkun punibbli, irid jirriżulta li l-materjal pornografiku jkun ġie akkwistat jew inżamm għall-wieħed mill-iskopijiet imsemmijin fl-istess artikolu, ċjoè għal qligħ (*for gain*) jew għat-tqassim (*for distribution*) jew għall-wiri f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku (*for display in a public place or in a place accessible to the public).

*L-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali ma jirrikjedix li l-għemil in kwistjoni jkun fih innifsu għemil żieni (bħalma hu l-każ taħt l-artikolu 203 (1)); hu biżżejjed li l-att ikun tali li joffendi s-sens tad-deċenza. L-element intenzjonali f'dan ir-reat ikun sodisfatt jekk l-att offensiv tad-deċenza jkun volontarju, mingħajr mhu meħtieġ id-dolo speċifiku.*

*L-att li bih wieħed juri kotba jew stampi pornografiċi lil tfal taħt l-età hu att li joffendi l-pudur jew il-morali.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Andrew Bonnici talli: (1) fi Frar (ta' l-1995) fil-Qajjenza, Birżebbuġa, bla ordni skond il-liġi ta' awtorità kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil *persuna minorenni Winston Agius kontra l-volontà tiegħu u* għamillu offiża fuq il-persuna, bi ksur ta' l-artikoli 86 u 87 tal-Kap. 9; (2) talli fl-istess lok u ċirkostanzi, b'għemil żieni kkorrompa lil Winston Agius, minorenni b'theddid jew b'qerq, bi ksur ta' l-artikolu 203 (1) (b) tal-Kap. 9; (3) talli fl-istess lok u ċirkostanzi f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku, akkwista, żamma jew iċċirkola kotba pornografiċi jew oxxeni fost minorenni; u (4) talli fl-istess lok u ċirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'post pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-19 ta' Lulju, 1996, li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Andrew Bonnici ħati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' tliet snin u nofs priġunerija u multa ta' mitejn lira;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Andrew Bonnici, minnu ppreżentat fid-29 ta' Lulju, 1996, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi limitatament għall-piena, kif ukoll lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Brevement il-fatti kienu dawn: F'ġurnata minnhom fi Frar ta' l-1995, waqt li tlett itfal subien - li l-etaijiet tagħhom kienu jvarjaw bejn it-tnax u t-tlettax-il sena - kienu qed jistadu, mar fuqhom l-appellant u, wara li għall-bidu beda jkellimhom fuq il-ħut u s-sajd, stedinhom imorru miegħu fejn il-van tiegħu fejn

hemmhekk lil tnejn minnhom beda jurihom kotba pornografiċi. Fl-istess ħin hu kkonvinċa lil wieħed minn dawn it-tfal sabiex imur miegħu f'dar abbandunata (jew li kienet qed tinbena) fil-viċinanzi, u hemmhekk ikkommetta atti ta' libidini kemm fil-presenza ta' dan it-tifel kif ukoll fuqu. Jirriżulta li wara din l-okkażjoni l-appellant mar ifittex f'diversi okkażjonijiet oħra lil dan it-tifel li kien ħa miegħu f'din id-dar, iżda jew ma sabux jew, meta ltaqa' miegħu, it-tifel dejjem sablu skuża biex ma jmurx miegħu;

L-aggravji ta' l-appellant ser jiġu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' ħtija skond l-ewwel imputazzjoni. Din l-imputazzjoni tipotizza r-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru illegali aggravat bl-offiża fuq il-persuna. Jidher li l-Ewwel Qorti rravviżat l-offiża fuq il-persuna (*bodily harm* fit-test Ingliż) skond il-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 87 tal-Kodiċi Kriminali fil-fatt li l-appellant <u>mess</u> it-tifel. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din hi interpretazzjoni żbaljata tal-liġi. Bl-espressjoni "offiża fuq il-persuna" fl-imsemmi paragrafu, il-liġi qed tikkontempla offiża fis-sens ta' l-artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali, jiġifieri ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa jew diżordni mentali. Is-sempliċi tokkamenti jew kuntatt fiżiku, anke jekk dawn jipperturbaw il-psike ta' dak li jkun, ma jammontawx per se għal offiża jew offiżi fuq il-persuna. Jidher li l-aggravju li, se mai, kellha takkuża lill-appellant bih il-prosekuzzjoni kien dak ikkontemplat fil-paragrafu (ġ) ta' l-artikolu 87 u ċjoè meta l-arrest, detenzjoni jew sekwestru illegali jsir "bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna". Dan, però, il-prosekuzzjoni ma għamlitux. Indipendentement, però, minn din l-aggravanti jew kwalifika għar-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru llegali, din il-Qorti ser takkolji l-aggravju ta' l-appellant li effettivament <u>ma kienx hemm arrest, detenzjoni jew sekwestru illegali fl-ewwel lok</u>. Mill-provi jirriżulta li t-tifel mar <u>minn rajh</u> ma' l-appellant

fid-dar (deskritta bħala "d-dar bit-twieqi blu"). għalkemm ċertament ukoll indott mil-lussurja għall-kotba li kien għadu kif urieh l-appellant. Huma telgħu fuq, fejn imbagħad sar dak li sar. F'ebda ħin, però, ma jista' jingħad li t-tifel kien f'dak il-post kontra l-volontà tiegħu, element essenzjali għar-reat in diżamina. Huwa veru li kif appena daħlu ġewwa d-dar, l-appellant għamel kantun fuq ġewwa tal-bieb li altrimenti ma kienx jissakkar. Però dan jidher li għamlu mhux biex iżomm lit-tifel ġewwa iżda, bħall-kartun li għamel ma' l-aperturi tal-gallerija, biex ħadd ma jkun jista' jidħol fuqhom u jara dak li kien qed isir hemm ġew. Għalkemm it-tifel jgħid li meta f'ħin minnhom l-appellant qallu biex jagħmel xi ħaġa hu (jiġifieri t-tifel) beża' iżda xorta għamel dak li qallu għax ra l-bieb magħluq bil-kantun, f'ebda ħin ma jirriżulta li t-tifel fisser lill-appellant li hu *ried jitlaq minn hemm u l-appellant, b'xi mod* jew ieħor, ma ħalliehx;

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu, bażikament, fis-sens li ma jirriżultawx l-estremi kollha tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, u b'mod partikolari li ma jirriżultax li bħala fatt kien hemm il-korruzjoni. Dana l-aggravju hu infondat u jirrażenta l-fieragħ. Tifel ta' appena tlettax-il sena li jiġi espost għall-għemil li għamel l-appellant kemm fuqu nnifsu kif ukoll fuq il-persuna ta' l-istess tifel, ma jistax ma jiġix korrott, anke jekk forsi dak it-tifel ikun diġà jaf ċerti fatti tal-ħajja jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali *ta' l-iżvilupp fisjoloġiku ta' dak li jkun, u altru l-imposizzjoni* ta' sitwazzjonijiet, determinati minn għemil żieni, li manifestament jipproduċu leżjoni fl-integrità morali tal-minorenni. Kif din il-Qorti kellha diġà l-okkażjoni li tispjega fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet **The Police *vs* Thomas Wiffen**:

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known*

*scientific instrument, but it is something which has to be assessed by the prudent judge - the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases - taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts*";

Ma hemmx dubbju ukoll li dana r-reat ta' korruzzjoni kien, f'dan il-każ, aggravat bil-qerq, fis-sens li l-appellant qarraq bit-tifel meta ħajru jmur miegħu evidentement taħt il-pretest biex ikomplu jaraw il-kotba;

It-tielet aggravju hu fis-sens li ma ġiex ippruvat li l-kotba kienu pornografiċi u li anqas ma jikkonfigura r-reat ikkontemplat fl-artikolu 208. Il-Qorti hi sodisfatta, però, li l-kotba li kellu l-appellant fil-karozza - u li ġew deskritti mit-tfal bħala li kellhom ħafna ritratti ta' nisa għarwenin - la kienu ta' natura xjentifika u lanqas artistika iżda kienu sempliċement pornografiċi. Dawn il-kotba, li minnhom l-appellant kellu xi ħamsa fil-karozza (ossia van) hu beda jurihom lil tnejn mit-tlett itfal aktar 'il fuq imsemmija, u dan waqt li hu kien bilqiegħda fil-van mentri t-tfal kienu barra però viċin tal-bieba li kienet miftuħa. L-artikolu 208 jikkontempla diversi ipotesijiet; fil-każ in diżamina ma jistax jingħad li b'dak li għamel l-appellant hu kien qed jiċċirkola (*put into circulation*, fit-test Ingliż tal-liġi) il-materjal pornografiku, però, ċertament kien <u>akkwista</u> u kien qiegħed <u>iżomm</u> dak il-materjal. Biex tali akkwist jew żamma jkun punibbli skond l-imsemmi artikolu 208, irid jirriżulta li l-materjal pronografiku jkun ġie akkwistat jew inżamm għall-wieħed mill-iskopijiet imsemmijin fl-istess artikolu, ċjoè għal qligħ (*for gain*) jew għat-tqassim (*for distribution*) jew għall-wiri f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku (*for display in a public place or in a place accessible to the public*). Fil-każ in diżamina ma jistax jingħad li jirriżulta ppruvat li l-appellant kien qed iżomm dawn il-ħames kotba fil-van tiegħu

għal xi wieħed minn dawn l-iskopijiet għalkemm meta ġietu l-okkażjoni fil-fatt wera dawn il-kotba liż-żewġt itfal;

Ir-raba' aggravju hu fis-sens li ma ġiex ippruvat ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali, u ċjoè r-reat ta' min joffendi l-pudur jew il-morali b'għemil li jsir f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku. Dan l-aggravju qed jiġi respint. L-artikolu 209 ma jirrikjedix li l-għemil in kwistjoni jkun fih innifsu għemil żieni (bħalma hu l-każ taħt l-artikolu 203 (1)), hu biżżejjed li l-att ikun tali li joffendi s-sens tad-deċenza (ara **Il-Pulizija *vs* Ferdinand Grima**, 7/11/49, Vol. XXXIII.IV.965). L-element intenzjonali f'dan ir-reat ikun sodisfatt jekk l-att offensiv tad-deċenza jkun volontarju, mingħajr ma hu meħtieġ id-dolo speċifiku. L-att li bih wieħed juri kotba jew stampi pornografiċi lil tfal taħt l-età hu att li joffendi l-pudur jew il-morali. Fil-każ in diżamina, dana l-att ċertament sar f'post pubbliku;

L-aħħar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena. Din il-Qorti hi tal-fehma li dak li għamel l-appellant hu reat li ma jistax ħlief jitqies bħala reat gravi ħafna. Hu mhux biss ma ħasibhiex darbtejn biex jagħmel ħsara morali lil tfal żagħar bil-wiri ta' kotba pornografiċi, iżda mmanipola wieħed minnhom billi kkonvinċih imur miegħu f'post fejn hemm saru ukoll atti ta' libidini. Kif diġà ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, jirriżulta ukoll li wara din l-okkażjoni, l-appellant ipprova drabi oħra jagħmel kuntatt ma' wieħed mit-tfal probabbilment għax deherlu li kien *preda facile*. Il-każ ċertament jimmerita piena karċerarja. Mill-banda l-oħra ma hemm xejn x'jindika li l-appellant jippreżenta perikolu partikolari għall-futur. Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ukoll l-ambjent familjari ta' l-appellent, inkluż il-fatt li hu u martu għandhom tifel, iż-żgħir, bi bżonnijiet speċjali - ċirkostanza din li jista' jkollha konnessjoni ma' l-aberrazzjoni ta' l-appellant manifestata minnu fil-każ in diżamina, aberrazzjoni li l-Qorti tittama li tista' tiġi korretta

b'għajnuna f'waqtha;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imsemmi Andrew Bonnici ħati skond l-ewwel u skond it-tielet imputazzjonijiet, mil-liema imputazzjonijiet qed tilliberah, kif ukoll tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għall-piena ta' tliet snin u nofs priġunerija u multa ta' mitejn lira, u minflok tikkundannah għall-piena ta' sentejn priġunerija u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. U b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, tordna li s-sentenza ta' sentejn priġunerija m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta' erba' snin mil-lum, hu jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u tordna ukoll a tenur ta' l-artikolu 28G ta' l-imsemmi Kodiċi, li l-ħati jkun taħt is-superviżjoni ta' l-uffiċjal tal-*probation* David Borg għaż-żmien tal-perijodu operattiv kollu, u għal dana l-fini qed tagħmel l-ordni infraskritt. Fl-aħħarnett il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu kemm taħt l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija kif l-effett ta' l-ordni ta' superviżjoni;

Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tar-reġistratur għas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna ukoll: (1) id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' l-isem jew ismijiet tal-minorenni involuti f'dan il-każ; (2) in-notifika immedjata fl-ordni infraskritt lill-uffiċjal sorveljanti.

---